Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 250/2012

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Matthew Mallia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta' attrici pprezentat nhar il-25 ta' Lulju 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' hamest elef, sitt mija u hamsa u hamsin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€5,655.65) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-15 ta' Gunju 2012 sal-jum tal-pagament effettiv.

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata (Dok. "B") u partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Matthew Mallia (a) naqas milli jhallas il-

pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Novembru 2011 (Dok. "C") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi il- konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Purtier Julian Caruana datata 7 ta' Settembru 2012 a fol.25 tergo ta' l-atti fejn thalliet kopja ta' l-avviz fl-indirizz fil-Kunsill Lokali ta' Santa Venera u fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Santa Venera.

Rat illi l-konvenut gie ukoll notifikat peremzz ta' avviz li deher fil-gazzetta tal-Gvern nhar it-18 ta' Settembru 2012 (fol. 21).

Rat illi l-konvenut gie ukoll notifikat  peremzz ta' avviz li deher fil-gazzetta lokali 'l-Orizzont'  nhar it-2 ta' Ottubru 2012 (fol. 28 Dok 'A').

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2012 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u ma deherx ghas-subizzjoni tieghu.

Rat illi l-avukat difensur tal-attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut  dakinhar tal-24 ta Ottubru  2012.

Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012 il-konvenut imsejjah ma deherx in subizzjoni sabiex iwiegeb id-domandi tal-Bank attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tal-Bank attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tieghu tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ hamest elef, sitt mija u hamsa u hamsin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€5,655.65) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra il-konvenut inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tat-22 ta’ Novembru 2011 (Dok C) u tal-Mandat ta’ sekwestru li gie prezentat kontestwalment mal-kawza odjerna kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------